

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2015/432**tat-13 ta' Marzu 2015****li temenda d-Deċiżjoni 2014/145/PESK dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jipperikolaw jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 29 tiegħu,

Billi:

- (1) Fis-17 ta' Marzu 2014 il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2014/145/PESK dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jipperikolaw jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna ⁽¹⁾.
- (2) Fit-8 ta' Settembru 2014, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2014/658/PESK ⁽²⁾, li permezz tagħha ġedded dawk il-miżuri għal sitt xhur oħra.
- (3) Fid-29 ta' Jannar 2015, il-Kunsill Affarijiet Barranin qabel li l-miżuri għandhom jiġġeddu. Il-Kunsill irriveda d-deżinjazzjonijiet individwali. L-entrati għal ħamsin persuna għandhom jiġu emendati u għandha titħassar l-entrata għal persuna li mietet.
- (4) Id-Deċiżjoni 2014/145/PESK għandha tiġi emendata kif meħtieġ.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Id-Deċiżjoni 2014/145/PESK hija emendata kif ġej:

- (1) Fl-Artikolu 6, it-tieni paragrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:
"Din id-Deċiżjoni għandha tapplika sal-15 ta' Settembru 2015."
- (2) L-Anness huwa emendat kif jinsab fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Magħmul fi Brussell, it-13 ta' Marzu 2015.

Għall-Kunsill
Il-President
A. MATIŠS

⁽¹⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/145/PESK tas-17 ta' Marzu 2014 dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jipperikolaw jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna (ĠU L 78, 17.3.2014, p. 16).

⁽²⁾ ĠU L 271, 12.9.2014, p. 47.

ANNEX

1. L-entrati li jinsabu fl-Anness tad-Deċiżjoni 2014/145/PESK dwar il-persuni elenkati hawn taħt jinbidlu bl-entrati li ġejjin:

39. Ludmila Ivanovna Shvetsova.

2. L-entrati li jinsabu fl-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 269/2014 dwar il-persuni elenkati hawn taħt jinbidlu bl-entrati li ġejjin:

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
1.	Sergey Valeryevich AKSYONOV, Sergei Valerievich AKSENOV (Сергей Валерьевич Аксёнов), Serhiy Valeriyovych AKSYONOV (Сергій Валерійович Аксьонов)	Post tat-twelid: Beltsy (Bălți), il-Moldova Data tat-twelid: 26.11.1972.	Aksyonov ġie elett "Prim Ministru tal-Krimea" fil-Verkhovna Rada tal-Krimea fis-27 ta' Frar 2014 fil-preżenza ta' persuni armati favur ir-Russja. Il-"ħatra" tiegħu ġiet iddikjarata bħala li tmur kontra l-kostituzzjoni minn Oleksandr Turchynov fl-1 ta' Marzu 2014. Huwa għamel pressjoni b'mod attiv favur ir-"referendum" tas-16 ta' Marzu 2014. Mid-9 ta' Ottubru 2014 'l hawn, il-"Kap" tal-hekk imsejħa "Repubblika tal-Krimea".	17.3.2014
26.	Dmitry Konstantinovich KISELYOV, Dmitrii Konstantinovich KISELEV (Дмитрий Константинович Киселёв)	Post tat-twelid: Moska Data tat-twelid: 26.4.1954	Maħtur b'Digriet Presidenzjali fid-9 ta' Diċembru 2013 bħala Kap tal-aġenzija tal-aħbarijiet "Rossiya Segodnya" tal-Istat Federali Russu. Figura ċentrali tal-propaganda tal-gvern li tappoġġa l-mobilizzazzjoni ta' forzi Russi fl-Ukrajna.	21.3.2014
41.	Igor Dmitrievich SERGUN (Игорь Дмитриевич Сергун)	Post tat-twelid: Podolsk, Oblast ta' Moska Data tat-twelid: 28.3.1957	Direttur tal-GRU (Direttorat Prinċipali tal-Intelligence), Viċi Kap tal-Persunal Ġenerali tal-Forzi Armati tal-Federazzjoni Russa, Logutenent Ġeneral. Responsabbli għall-attività tal-uffiċjali tal-GRU fil-lvant tal-Ukrajna.	29.4.2014
45.	Andriy Yevgenovych PURGIN (Андрій Євгенович Пургин), Andrei Evgenevich PURGIN (Андрей Евгеньевич Пургин)	Post tat-twelid: Donetsk Data tat-twelid: 26.1.1972	Il-Kap ta' qabel tar-"Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk", parteċipant attiv u organizzatur ta' azzjonijiet separatisti, koordinatur tal-azzjonijiet tat-"turisti Russi" f'Donetsk. Kofundatur ta' "Inizjattiva Ċivika ta' Donbass għall-Unjoni Ewro-Asjatika". L-hekk imsejjaħ "President" tal-"Kunsill tal-Poplu tar-Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk".	29.4.2014
46.	Denys Volodymyrovych PUSHYLIN (Денис Володимирович Пушилін), Denis Vladimirovich PUSHILIN (Денис Владимирович Пушилин)	Post tat-twelid: Makiivka (oblast ta' Donetsk) Data tat-twelid: 9.5.1981 jew 9.5.1982	Wieħed mill-mexxejja tar-"Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk". Ħa sehem fil-ħtif u l-okkupazzjoni tal-amministrazzjoni reġjonali. Kelliem attiv għas-separatisti. L-hekk imsejjaħ "Viċi Kap" tal-"Kunsill tal-Poplu" tal-hekk imsejħa "Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk".	29.4.2014.

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-enkar
52.	Petr Grigorievich JAROSH (Петр Григорьевич Ярош)	Data tat-twelid: 30.1.1971	Aġent Kap tal-uffiċċju tas-Servizz Federali tal-Migrazzjoni għall-Krimea. Responsabbli għall-ħruġ sistematiku u rapidu ta' passaporti Russi għar-residenti tal-Krimea.	12.5.2014
54.	Viacheslav PONOMARIOV, Vyacheslav Volodymyrovich PONOMARYOV (В'ячеслав Володимирович Пономар'єв), Viacheslav Vladimirovich PONOMAREV (Вячеслав Владимирович Пономар'єв)	Post tat-twelid: Sloviansk (oblast ta' Donetsk) Data tat-twelid: 2.5.1965	Is-sindku awtodikjarat ta' qabel ta' Slaviansk. Ponomariov appella lil Vladimir Putin biex jibgħat truppi Russi biex jiproteġu l-belt u aktar tard talbu jipprovdi l-armi. In-nies ta' Ponomariov huma involuti fil-ħtif ta' persuni (huma qabdu lil Irma Krat u Simon Ostrovsky, ġurnalista għal Vice News, aktar tard dawn it-tnejn ġew rilaxxati; huma żammew maqbuda osservaturi militari li kienu qed jaġixxu taħt id-Dokument ta' Vjenna tal-OSKE). Għadu attiv fl-appoġġ ta' azzjonijiet u politika separatisti.	12.5.2014
56.	Igor Evgenevich KAKIDZYANOV (Игорь Евгеньевич Какидзянов), Igor Evgenevich KNAKIMZYANOV (Игорь Евгеньевич Хакимзянов)	Kellu 33 sena fit-8.5.2014 Possibbilment imwieled fil-25 ta' Lulju 1980 f'Makiivka (Donetsk oblast)	Wieħed mill-mexxejja tal-forzi armati tal-awtoproklamata "Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk". L-għan tal-forzi huwa li "jiproteġu l-poplu tar-Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk u l-integrità territorjali tar-repubblika" skont Pushylin, wieħed mill-mexxejja tar-"Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk".	12.5.2014
57.	Oleg TSARIOV, Oleh Anatoliyovych TSAROV (Олег Анатолійович Цар'єв), Oleg Anatolevich TSAREV (Олег Анатольевич Цар'єв)	Post tat-twelid: Dnepropetrovsk Data tat-twelid: 2.6.1970	Qabel kien membru tar-Rada, bħala tali appella pubblikament għall-ħolqien tal-hekk imsejħa "Repubblika Federali tan-Novorossia", magħmula mir-reġjuni Ukreni tax-xlokk. Għadu attiv fl-appoġġ ta' azzjonijiet jew politika separatisti.	12.5.2014
59.	Aleksandr Sergeevich MALYKHIN, Alexander Sergeevich MALYNIN (Александр Сергеевич Мальхин)	Data tat-twelid: 12.1.1981	Kap tal-Kummissjoni Elettorali Ċentrali tar-"Repubblika tal-Poplu ta' Lugansk". Organizza b'mod attiv ir-referendum fil-11 ta' Mejju 2014 dwar l-awtodeterminazzjoni tar-"Repubblika tal-Poplu ta' Lugansk".	12.5.2014
64.	Aleksandr Yurevich BORODAI (Александр Юрьевич Бородай)	Post tat-twelid: Moska Data tat-twelid: 25.7.1972.	L-hekk imsejjaħ "Prim Ministru tar-Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk" ta' qabel, bħala tali responsabbli għall-attivitajiet "governativi" separatisti tal-hekk imsejjaħ "gvern tar-Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk" (eż. fit-8 ta' Lulju 2014 iddikjara li "l-militar tagħna qed iwettaq operazzjoni speċjali kontra l-'faxxisti' Ukreni"), firmatarju tal-Memorandum ta' Qbil dwar l-"unjoni ta' Novorossia". Għadu attiv fl-appoġġ ta' azzjonijiet jew politika separatisti.	12.7.2014

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-enkar
65.	Alexander KHODAKOVSKY, Oleksandr Serhiyovych KHODAKOVSKIY (Олександр Сергійович Ходаковський), Aleksandr Sergeevich KHODAKOVSKIY (Александр Сергеевич Ходаковский)	Post tat-twelid: Donetsk Data tat-twelid: 18.12.1972	L-hekk imsejjaħ "Ministru tas-Sigurtà tar-Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk" ta' qabel, bħala tali responsabbli għal attivitajiet ta' sigurtà separatisti tal-hekk imsejjaħ "gvern tar-Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk". Għadu attiv fl-appoġġ ta' azzjonijiet jew politika separatisti.	12.7.2014
66.	Alexandr Aleksandrovich KALYUSSKY, (Александр Александрович Калюсский)	Data tat-twelid: 9.10.1975	L-hekk imsejjaħ "de facto Viċi Prim Ministru tal-Affarijiet Soċjali tar-Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk". Responsabbli għall-attivitajiet "governattivi" separatisti tal-hekk imsejjaħ "gvern tar-Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk".	12.7.2014
67.	Alexander KHRYAKOV, Aleksandr Vitalievich KHRYAKOV (Александр Витальевич Хряков), Oleksandr Vitaliyovych KHRYAKOV (Олександр Віталійович Хряков)	Post tat-twelid: Donetsk Data tat-twelid: 6.11.1958	L-hekk imsejjaħ "Ministru tal-Infommazzjoni u l-Kommunikazzjoni tal-Massa tar-Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk". Responsabbli għall-attivitajiet ta' propaganda favur is-separatisti tal-hekk imsejjaħ "gvern tar-Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk".	12.7.2014
68.	Marat Faatovich BASHIROV (Марат Фаатович Баширов)	Post tat-twelid: Izhevsk, Il-Federazzjoni Russa Data tat-twelid: 20.1.1964	L-hekk imsejjaħ "Prim Ministru tal-Kunsill tal-Ministri tar-Repubblika tal-Poplu ta' Lugansk", ikkonfermat fit-8 ta' Lulju 2014. Responsabbli għall-attivitajiet "governattivi" separatisti tal-hekk imsejjaħ "gvern tar-Repubblika tal-Poplu ta' Lugansk".	12.7.2014
69.	Vasyl NIKITIN, Vasilii Aleksandrovich NIKITIN (Василий Александрович Никитин)	Post tat-twelid: Shargun (Uzbekistan) Data tat-twelid: 25.11.1971	L-hekk imsejjaħ "Viċi Prim Ministru tal-Kunsill tal-Ministri tar-Repubblika tal-Poplu ta' Lugansk", (qabel kien l-hekk imsejjaħ "Prim Ministru tar-Repubblika tal-Poplu ta' Lugansk", u kien kelliem tal-"Armata tax-Xlokk"). Responsabbli għall-attivitajiet "governattivi" separatisti tal-hekk imsejjaħ "gvern tar-Repubblika tal-Poplu ta' Lugansk". Responsabbli għad-dikjarazzjoni tal-Armata tax-Xlokk li l-elezzjonijiet presidenzjali Ukreani fir-"Repubblika tal-Poplu ta' Lugansk" ma jistgħux isiru minħabba l-istatus il-"ġdid" tar-reġjun.	12.7.2014

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
70.	Aleksey Vyacheslavovich KARYAKIN (Алексей Вячеславович Карякин)	Post tat-twelid: Stakhanov (Lugansk oblast) Data tat-twelid: 7.4.1980 jew 7.4.1979	L-hekk imsejjaħ "President tal-Kunsill Suprem tar-Repubblika tal-Poplu ta' Lugansk". Responsabbli għall-attivitajiet "governattivi" separatisti tal-"Kunsill Suprem", responsabbli għat-talba lill-Federazzjoni Russa biex tirrikonoxxi l-indipendenza tar-Repubblika tal-Poplu ta' Lugansk". Firmatarju tal-Memorandum ta' Qbil dwar l-"unjoni ta' Novorossiya".	12.7.2014
71.	Yuriy Volodymyrovych IVAKIN (Юрій Володимирович Івакін), Iurii Vladimirovich IVAKIN (Юрий Владимирович Ивакин)	Post tat-twelid: Perevask (oblast ta' Lugansk) Data tat-twelid: 13.8.1954	L-hekk imsejjaħ "Ministru tal-Affarijiet Interni tar-Repubblika tal-Poplu ta' Lugansk" ta' qabel, bħala tali responsabbli għal attivitajiet "governattivi" separatisti tal-hekk imsejjaħ "gvern tar-Repubblika tal-Poplu ta' Lugansk".	12.7.2014
72.	Igor PLOTNITSKY, Igor Venediktovich PLOTNITSKIĪ (Игорь Венедиктович Плотницкий)	Post tat-twelid: Lugansk (possibilment f'Kelmentsi, oblast ta' Chernivtsi) Data tat-twelid: 24.6.1964 jew 25.6.1964	L-hekk imsejjaħ "Ministru tad-Difiża" ta' qabel u bħalissa l-hekk imsejjaħ "Kap" tar-Repubblika tal-Poplu ta' Lugansk". Responsabbli għall-attivitajiet "governattivi" separatisti tal-hekk imsejjaħ "gvern tar-Repubblika tal-Poplu ta' Lugansk".	12.7.2014
74.	Oleksiy Borisovych MOZGOVY, (Олексій Борисович Мозговий), Aleksei Borisovich MOZGOVOI (Алексей Борисович Мозговой)	Data tat-twelid: 3.4.1975	Wieħed mill-mexxejja tal-gruppi armati fil-lvant tal-Ukrajna. Responsabbli għat-taħriġ tas-separatisti biex jiġġieldu kontra l-forzi tal-gvern Ukrain.	12.7.2014
80.	Sergei Orestovoch BESEDA (Сергей Орестович Беседа)	Data tat-twelid: 17.5.1954	Kmandant tal-Ħames Servizz tal-FSB, is-Servizz Federali ta' Sigurtà tal-Federazzjoni Russa. Bħala uffiċjali għoli tal-FSB, huwa jmessi servizz responsabbli li jissorvelja l-operazzjonijiet ta' intelligence u l-attività internazzjonali.	25.7.2014
85.	Ekaterina Iurievna GUBAREVA (Екатерина Юрьевна Губарева), Katerina Yuriyovna GUBARIEVA (Катерина Юрійовна Губарева)	Post tat-twelid: Kakhova (oblast ta' Kherson) Data tat-twelid: 5.7.1983	Fil-kapaċità tagħha bħala l-hekk imsejħa "Ministru tal-Affarijiet Barranin" ta' qabel hija kienet responsabbli għad-difiża tal-hekk imsejħa "Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk", u għaldaqstant iddgħajef l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. Barra minn hekk, il-kont tal-bank tagħha jintuża biex jiffinanzja gruppi separatisti illegali. Billi assumiet u aġixxiet f'din il-kapaċità għalhekk hija appoġġat azzjonijiet u politika li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. Għadha attiva fl-appoġġ ta' azzjonijiet u politika separatisti.	25.7.2014

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-enkar
86.	Fedor Dmitrievich BEREZIN (Фёдор Дмитриевич Березин), Fedir Dmytrovych BEREZIN (Федір Дмитрович Березін)	Post tat-twelid: Donetsk Data tat-twelid: 7.2.1960.	L-hekk imsejjaħ "viċi ministru tad-difiża" ta' qabel tal-hekk imsejħa "Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk". Huwa assoċjat ma' Igor Strelkov/Girkin, li hu responsabbli għal azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranià u l-indipendenza tal-Ukrajna. Billi assumu u aġixxa f'din il-kapaċità Berezin għalhekk appoġġa azzjonijiet u politika li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranià u l-indipendenza tal-Ukrajna. Għadu attiv fl-appoġġ ta' azzjonijiet u politika separatisti.	25.7.2014
109.	Oksana TCHIGRINA, Oksana Aleksandrovna CHIGRINA (Оксана Александровна Чигрина)	Kellha 33 sena fl- 1.8.2014 Possibbilment imwiela fit- 23.7.1981	Kelliema tal-hekk imsejjaħ "gvern" tal-hekk imsejħa "Repubblika tal-Poplu ta' Lugansk" li għamlet dikjarazzjonijiet li jiġġustifikaw fost oħrajn it-twaqqigħ ta' ajruplan militari Ukrain, it-teħid ta' ostaġġi, attivitajiet ta' ġlied mill-gruppi armati illegali, li bħala konsegwenza dgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranià u l-unità tal-Ukrajna.	30.7.2014
110.	Boris Alekseevich LITVINOV (Борис Алексеевич Литвинов)	Post tat-twelid: Dzerzhynsk (oblast ta' Donetsk) Data tat-twelid: 13.1.1954	Membru tal-hekk imsejjaħ "Kunsill tal-Poplu" u kien president tal-hekk imsejjaħ "Kunsill Suprem" tal-hekk imsejħa "Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk" li kien responsabbli għall-politika u l-organizzazzjoni tar-"referendum" illegali li wasslu għall-proklamazzjoni tal-hekk imsejħa "Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk", li kkostitwixxiet ksur tal-integrità territorjali, is-sovranià u l-unità tal-Ukrajna.	30.7.2014
112.	Arkady Romanovich ROTENBERG, Arkadii Romanovich ROTENBERG (Аркадий Романович Ротенберг)	Post tat-twelid: Leningrad (San Pietruburgu). Data tat-twelid: 15.12.1951	Is-Sur Rotenberg ilu jaf għal żmien twil lill-President Putin u kien jipprattika l-judo miegħu. Huwa stagħna matul it-tmexxija tal-President Putin. Il-livell tiegħu ta' suċċess ekonomiku huwa attribwibbli għall-inflwenza ta' persuni ewlenin li jieħdu deċiżjonijiet li jiffavorixxuh, b'mod partikolari fl-għoti ta' kuntratti pubbliċi. Huwa bbenefika mir-relazzjoni personali mill-qrib tiegħu ma' persuni Russi li jieħdu deċiżjonijiet peress li nġhata kuntratti importanti mill-Istat Russu jew minn intrapriżi li huma proprjetà tal-Istat. Il-kumpanniji tiegħu nġhataw b'mod notevoli diversi kuntratti li jħallu ħafna qligħ għat-tħejjijiet tal-Logħob Olimpiku ta' Sochi. Huwa wkoll is-sid tal-kumpannija Stroygazmontazh li nġhataw kuntratt Statli għall-bini ta' pont mir-Russja għar-Repubblika Awtonoma tal-Krimea annessa illegalment, li b'hekk tikkonsolida l-integrazzjoni tagħha mal-Federazzjoni Russa li b'hekk imbagħad tkompli ddghajef l-integrità territorjali tal-Ukrajna.	30.7.2014

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-enkar
			Huwa l-president tal-bord tad-diretturi tal-kumpanja tal-pubblikazzjoni Prosvescheniye, li partikolarment implimentat il-proġett "Lit-Tfal tar-Russja: Indirizz — Krimea", kampanja ta' relazzjonijiet pubbliċi li tfasslet biex tikkonvinċi lit-tfal tal-Krimea li issa huma ċittadini Russi li jgħixu fir-Russja u b'hekk jappoġġaw il-politika tal-gvern Russu li tintegra l-Krimea fir-Russja.	
115.	Nikolay Terentievich SHAMALOV (Николай Терентьевич Шамалов)	Post tat-twelid: Il-Belarus Data tat-twelid: 24.1.1950	Is-Sur Shamalov ilu jaf lill-President Putin għal żmien twil. Huwa kofundatur tal-hekk imsejħa Ozero Dacha, soċjetà kooperattiva li tlaqqa' grupp influwenti ta' individwi madwar il-President Putin. Huwa qed jibbenefika mill-konnessjonijiet tiegħu ma' dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet fir-Russja. Huwa t-tieni l-akbar azzjonist tal-Bank Rossiya, li fl-2013 kien jippossjedi madwar 10 % tiegħu, u li huwa kkunsidrat il-bank personali ta' Uffiċjali Għolja tal-Federazzjoni Russa. Wara l-annessjoni illegali tal-Krimea, il-Bank Rossiya fetaħ ferġhat fil-Krimea kollha u f'Sevastopol, biex b'hekk ikkonsolida l-integrazzjoni tagħha fil-Federazzjoni Russa. Barra minn dan, il-Bank Rossiya għandu interessi importanti fin-National Media Group li min-naħa tiegħu jikkontrolla l-istazzjonijiet televiżivi li jappoġġaw attivament il-politika tal-gvern Russu ta' destabilizzazzjoni tal-Ukrajna.	30.7.2014
119.	Alexander Vladimirovich ZAKHARCHENKO (Александр Владимирович Захарченко)	Post tat-twelid: Donetsk Data tat-twelid: 26.6.1976	Mis-7 ta' Awwissu 2014 'l hawn, ħa post Alexander Borodai bħala l-hekk imsejjaħ "Prim Ministru" tal-hekk imsejħa "Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk". Billi assumu u aġixxa f'din il-kapaċità, Zakharchenko appoġġa azzjonijiet u politika li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	12.9.2014
121.	Miroslav Vladimirovich RUDENKO (Мирослав Владимирович Руденко)	Post tat-twelid: Debalcevo Data tat-twelid: 21.1.1983	Assoċjat mal-"Milizzja tal-Poplu ta' Donbass". Huwa stqarr fost l-oħrajn li ser ikompli l-għied tagħhom fil-bqija tal-pajjiż. Rudenko b'hekk appoġġa azzjonijiet u politika li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. L-hekk imsejjaħ "Deputat tal-Poplu" fl-hekk imsejjaħ "Parlament tar-Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk".	12.9.2014
122.	Gennadiy Nikolaiovich TSYPKALOV, Gennadii Nikolaevich TSYPKALOV (Геннадий Николаевич Цыпкалов)	Post tat-twelid: Rostov oblast (Russja) Data tat-twelid: 21.6.1973	Ħa post Marat Bashirov bħala l-hekk imsejjaħ "Prim Ministru" tal-hekk imsejjaħ "Repubblika tal-Poplu ta' Lugansk". Qabel kien attiv fl-Armata tal-milizzja tax-Xlokk. Tsyplakov b'hekk appoġġa azzjonijiet u politika li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	12.9.2014

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-enkar
123.	Andrey Yurevich PINCHUK (Андрей Юрьевич Пинчук)	Data possibbli tat-twelid: 27.12.1977	Il-“Ministru tas-Sigurtà Statali” ta’ qabel tal-hekk imsejħa “Repubblika tal-Poplu ta’ Donetsk”. Assoċjat ma’ Vladimir Antyufeyev, li huwa responsabbli għall-attivitajiet “governattivi” separatisti tal-hekk imsejjaħ “gvern tar-Repubblika tal-Poplu ta’ Donetsk”. Huwa b’hekk appoġġa azzjonijiet u politika li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. Għadu attiv fl-appoġġ ta’ azzjonijiet jew politika separatisti.	12.9.2014
124.	Oleg Vladimirovich BEREZA (Олег Владимирович Берёза)	Data possibbli tat-twelid: 1.3.1977	“Ministru tal-Affarijiet Interni” tal-hekk imsejħa “Repubblika tal-Poplu ta’ Donetsk”. Assoċjat ma’ Vladimir Antyufeyev, li huwa responsabbli għall-attivitajiet “governattivi” separatisti tal-hekk imsejjaħ “Gvern tar-Repubblika tal-Poplu ta’ Donetsk”. Huwa b’hekk appoġġa azzjonijiet u politika li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	12.9.2014
125.	Andrei Nikolaevich RODKIN (Андрей Николаевич Родкин)	Data tat-twelid: 23.9.1976	Rappreżentant f’Moska tal-hekk imsejħa “Repubblika tal-Poplu ta’ Donetsk”. Fid-dikjarazzjonijiet tiegħu, tkellem fost l-oħrajn dwar kif il-milizzji jinsabu lesti jmorru għal gwerra tal-gwerillieri u s-sekwestru tagħhom ta’ sistemi ta’ armi mill-forzi armati Ukreni. Huwa b’hekk appoġġa azzjonijiet u politika li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	12.9.2014
126.	Aleksandr Akimovich KARAMAN (Александр Акимович Караман), Alexandru CARAMAN	Data tat-twelid: 26.7.1956	“Viċi Prim Ministru għall-Kwistjonijiet Soċjali” tal-hekk imsejħa “Repubblika tal-Poplu ta’ Donetsk”. Assoċjat ma’ Vladimir Antyufeyev, li huwa responsabbli għall-attivitajiet “governattivi” separatisti tal-hekk imsejjaħ “Gvern tar-Repubblika tal-Poplu ta’ Donetsk”. Huwa b’hekk appoġġa azzjonijiet u politika li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. Protett tal-Viċi Prim Ministru tar-Russja Dmitry Rogozin.	12.9.2014
127.	Georgiy L'vovich MURADOV (Георгий Львович Мурадов)	Post tat-twelid: Repubblika ta’ Komi Data tat-twelid: 19.11.1954	L-hekk imsejjaħ “Viċi Prim Ministru” tal-Krimea u Rappreżentant Plenipotenżjarju tal-Krimea għall-President Putin. Muradov qeda rwol importanti fil-konsolidazzjoni tal-kontroll istituzzjonali Russu fuq il-Krimea minn mindu saret l-annessjoni illegali. Huwa b’hekk appoġġa azzjonijiet u politika li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	12.9.2014

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-enkar
144.	Oleg Konstantinovich AKIMOV a.k.a. Oleh AKIMOV (Олег Константинович АКИМОВ)	Data tat-twelid: 15.9.1981	Deputat fl-“Unjoni Ekonomika ta’ Lugansk” fil-“Kunsill Nazzjonali” tar-“Repubblika tal-Poplu ta’ Lugansk”. Ħareġ bħala kandidat fl-hekk imsejħa “elezzjonijiet”, tat-2 ta’ Novembru 2014 għall-kariga ta’ “Kap” tal-hekk imsejħa “Repubblika tal-Poplu ta’ Lugansk”. Dawn l-“elezzjonijiet” jiksru l-liġi Ukrena u għaldaqstant huma illegali. Billi assumta u aġixxa f’din il-kapaċità, u billi pparteċipa formalment bħala kandidat fl-“elezzjonijiet” illegali, għaldaqstant huwa apogġa b’mod attiv azzjonijiet u politika li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, u biex jiddestabilixxu aktar l-Ukrajna.	29.11.2014
145.	Larisa Leonidovna AIRAPETYAN a.k.a. Larysa AYRAPETYAN, Larisa AIRAPETYAN or Larysa AIRAPETYAN (Лариса Леонидовна Айрапетян)	Data tat-twelid: 21.2.1970	“Ministru għas-Saħħa” tal-hekk imsejħa “Repubblika tal-Poplu ta’ Lugansk”. Ħareġ bħala kandidat fl-hekk imsejħa “elezzjonijiet”, tat-2 ta’ Novembru 2014 għall-kariga ta’ “Kap” tal-hekk imsejħa “Repubblika tal-Poplu ta’ Lugansk”. Dawn l-“elezzjonijiet” jiksru l-liġi Ukrena u għaldaqstant huma illegali. Billi assumiet u aġixxiet f’din il-kapaċità, u billi ħadet sehem formalment bħala kandidat fl-“elezzjonijiet” illegali, għaldaqstant hija apoġġat b’mod attiv azzjonijiet u politika li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, u biex jiddestabilixxu aktar lill-Ukrajna.	29.11.2014
146.	Yuriy Viktorovich SIVOKONENKO a.k.a. Yuriy SIVOKONENKO, Yury SIVOKONENKO, Yury SYVOKONENKO (Юрий Викторович Сивоконенко)	Data tat-twelid: 7.8.1957	Membru tal-“Parlament” tal-hekk imsejħa “Repubblika tal-Poplu ta’ Donetsk” u jaħdem fl-Unjoni ta’ veterani tad-Donbass Berkut. Ħareġ bħala kandidat fl-hekk imsejħa “elezzjonijiet” tat-2 ta’ Novembru 2014 għall-kariga ta’ Kap tal-hekk imsejħa “Repubblika tal-Poplu ta’ Donetsk”. Dawn l-elezzjonijiet jiksru l-liġi Ukrena u għaldaqstant huma illegali. Billi assumta u aġixxa f’din il-kapaċità, u billi pparteċipa formalment bħala kandidat fl-“elezzjonijiet” illegali, għaldaqstant huwa apogġa b’mod attiv azzjonijiet u politika li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, u biex jiddestabilixxu aktar l-Ukrajna.	29.11.2014
147.	Aleksandr Igorevich KOFMAN a.k.a. Oleksandr KOFMAN (Александр Игоревич Кофман)	Post tat-twelid: Makiikva (oblast ta’ Donetsk) Data tat-twelid: 30.8.1977	L-hekk imsejjaħ “Ministru għall-Affarijiet Barranin” u l-hekk imsejjaħ “L-Ewwel viċi speaker” tal-“Parlament” tal-hekk imsejħa “Repubblika tal-Poplu ta’ Donetsk”. Ħareġ bħala kandidat fl-hekk imsejħa “elezzjonijiet” illegali tat-2 ta’ Novembru 2014 għall-kariga ta’ Kap tal-hekk imsejħa “Repubblika tal-Poplu ta’ Donetsk”. Dawn l-elezzjonijiet jiksru l-liġi Ukrena u għaldaqstant huma illegali.	29.11.2014

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-enkar
			Billi ħa u aġixxa f'din il-kapaċità, u fil-parteċipazzjoni formali bħala kandidat fl-"elezzjonijiet" illegali, għaldaqstant huwa appoġġa b'mod attiv azzjonijiet u politika li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranià u l-indipendenza tal-Ukrajna, u biex jiddestabilixxu aktar lill-Ukrajna.	
148.	Ravil Zakarievich KHALIKOV (Равиль Закариевич Халиков)	Data tat-twelid: 23.2.1969	"L-Ewwel Viċi Prim Ministru" u l-"Prosekutur Ġenerali" preċedenti tal-hekk imsejħa "Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk". Billi assumta u aġixxa f'din il-kapaċità, għaldaqstant huwa appoġġa b'mod attiv azzjonijiet u politika li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranià u l-indipendenza tal-Ukrajna, u biex jiddestabilixxu aktar lill-Ukrajna.	29.11.2014
149.	Dmitry Aleksandrovich SEMYONOV, Dmitrii Aleksandrovich SEMENOV (Дмитрий Александрович Семенов)	Post tat-twelid: Moska Date of birth: 3.2.1963	"Viċi Prim Ministru għall-Finanzi" tal-hekk imsejħa "Repubblika tal-Poplu ta' Lugansk". Billi assumta u aġixxa f'din il-kapaċità, għaldaqstant huwa appoġġa b'mod attiv azzjonijiet u politika li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranià u l-indipendenza tal-Ukrajna, u biex jiddestabilixxu aktar lill-Ukrajna.	29.11.2014
150.	Oleg BUGROV	Data tat-twelid: 29.8.1969	"Ministru tad-Difiża" tal-hekk imsejħa "Repubblika tal-Poplu ta' Lugansk". Billi assumta u aġixxa f'din il-kapaċità, għaldaqstant huwa appoġġa b'mod attiv azzjonijiet u politika li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranià u l-indipendenza tal-Ukrajna, u biex jiddestabilixxu aktar lill-Ukrajna.	29.11.2014
153.	Ihor Vladymyrovych KOSTENOK a.k.a. Igor Vladimirovich KOSTENOK (Игорь Владимирович Костенок)	Data tat-twelid: 1961	"Ministru tal-Edukazzjoni" tal-hekk imsejħa "Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk". Billi assumta u aġixxa f'din il-kapaċità, għaldaqstant huwa appoġġa b'mod attiv azzjonijiet u politika li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranià u l-indipendenza tal-Ukrajna, u biex jiddestabilixxu aktar lill-Ukrajna.	29.11.2014
155.	Vladyslav Nykolayevych DEYNEGO a.k.a. Vladislav Nykolayevich DEYNEGO (Владислав Дейнего)	Data tat-twelid: 12.3.1964	"Viċi Kap" tal-"Kunsill tal-Poplu" tal-hekk imsejħa "Repubblika tal-Poplu ta' Lugansk". Billi assumta u aġixxa f'din il-kapaċità, għaldaqstant huwa appoġġa b'mod attiv azzjonijiet u politika li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranià u l-indipendenza tal-Ukrajna, u biex jiddestabilixxu aktar lill-Ukrajna.	29.11.2014

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
(133.)	Pavel DREMOV a.k.a. Batura (Павел Леонидович ДРЕМОВ), Pavlo Leonidovych DRYOMOV (Павло Леонідович Дрьомов)	Post tat-twelid: Stakhanov Data tat-twelid: 22.11.1976	Kmandant tal-“First Cossack Regiment”, grupp separatist armat involut fil-ġlied fil-lvant tal-Ukrajna. F'din il-kapaċità, huwa appoġġa b'mod attiv azzjonijiet u politika li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, u biex jiddestabilixxu aktar lill-Ukrajna.	16.2.2015
(136.)	Mikhail Sergeevich TOLSTYKH a.k.a. Givi (Михаил Сергеевич Толстых)	Post tat-twelid: Ilovaisk Data tat-twelid: 19.7.1980	Kmandant tal-battaljun “Somalu”, grupp separatist armat involut fil-ġlied fil-lvant tal-Ukrajna. F'din il-kapaċità, huwa appoġġa b'mod attiv azzjonijiet u politika li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, u biex jiddestabilixxu aktar lill-Ukrajna.	16.2.2015
(137.)	Eduard Aleksandrovich BASURIN (Эдуард Александрович Басурин)	Post tat-twelid: Donetsk Data tat-twelid: 27.6.1966	L-hekk imsejjaħ “Viċi Kmandant” tal-Ministeru tad-Difiża tal-hekk imsejħa “Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk”. Billi assumta u aġixxa f'din il-kapaċità, għaldaqstant huwa appoġġa b'mod attiv azzjonijiet u politika li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, u biex jiddestabilixxu aktar lill-Ukrajna.	16.2.2015
(139)	Sergey Anatolievich LITVIN (Сергей Анатольевич Литвин)	Data tat-twelid: 2.7.1973	L-hekk imsejjaħ “Viċi President” tal-Kunsill tal-Ministri tal-hekk imsejħa “Repubblika tal-Poplu ta' Lugansk”. Billi assumta u aġixxa f'din il-kapaċità, għaldaqstant huwa appoġġa b'mod attiv azzjonijiet u politika li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, u biex jiddestabilixxu aktar lill-Ukrajna.	16.2.2015
(143.)	Evgeny Vladimirovich MANUILOV (Евгений Владимирович Мануйлов)	Data tat-twelid: 5.1.1967	L-hekk imsejjaħ “Ministru għall-Baġit” tal-hekk imsejħa “Repubblika tal-Poplu ta' Lugansk”. Billi assumta u aġixxa f'din il-kapaċità, għaldaqstant huwa appoġġa b'mod attiv azzjonijiet u politika li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna u biex jiddestabilixxu aktar lill-Ukrajna.	16.2.2015
(146.)	Zaur ISMAILOV (Заур Исмаилов)	Post tat-twelid: Krasny Luch, Voroshilovgrad Lugansk Data tat-twelid: 25.7.1978 (jew 1975)	L-hekk imsejjaħ “Aġent Prosekutur Ġenerali” tal-hekk imsejħa “Repubblika tal-Poplu ta' Lugansk”. Billi assumta u aġixxa f'din il-kapaċità, għaldaqstant huwa appoġġa b'mod attiv azzjonijiet u politika li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, u biex jiddestabilixxu aktar lill-Ukrajna.	16.2.2015